MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 5

25 ta' Ġunju 2013

Minuti tas-seduta Nru. 5 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 4.1.4. **(Ref: D/5/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"4.1.4. Wara li l-Kunsill ra d-dokumentazzjoni sottomessa, kien hemm qbil li l-istima ta' €506.70 taħt "Miscellaneous Items" ma kinitx speċifika biżżejjed u għalhekk kien hemm qbil li m'għandhomx jitħallsu aktar minn €100 mid-danni mitluba.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 4.10.1 **(Ref: R/2)** tas-seduta preċedenti u talab li tiżdied oħra 4.10.4. li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.10.4. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal proposta li huwa kien hemm għamel fis-seduta Nru. 2 tas-17 ta' April 2013, dwar l-introduzzjoni ta' cat-cafe` fi Triq il-Fortizza kantuniera ma' Triq iż-Żnuber. Huwa qal ukoll li l-Mellieħa Scout Group għandu jintalab jikkontribwixxi għaż-żamma ta' din il-faċilita`billi joffri s-servizzi tiegħu b'mod volontarju.".*

1.3. Saret referenza għall-minuta 8.1. **(Ref: B/5/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u ġie propost li l-minuti ndikati u li jiffurmaw minnha, jinqraw kif ġej:

*"8.2. Is-Segretarju għarraf illi r-reviżjoni tal-bye-laws imsemmija kienet ġiet ikkunsidrata mill-Kunsill preċedenti, iżda l-emendi baqgħu ma ġewx effettwati minkejja li dawn kienu ġew mgħoddija lill-konsulent legali. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-bye-law 2 u qal li għandu jkun hemm distinzjoni bejn caravan li tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur u camper li titmexxa bil-qawwa mekkanika tagħha. Hija l-prassi li campers jiġu ttollerati, sakemm ma jintramawx imwejjed u għamara oħra ma' ġenbhom, filwaqt li permessi għall-caravans ma jinħarġux.*

*"8.3. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jkun hemm rata waħda fissa ta' €5.00 bħala ħlas amministrattiv għal kull permess, sakemm in-numru ta' granet ma jaqbisx sebat ijiem, bil-għan li jiġu evitati kumplikazzjonijiet fl-interpretazzjoni. ".*

*"8.5. Minħabba t-tibdil maqbul fir-rigward tal-bye-law 3.1., il-Kunsill qabel ukoll li l-ewwel proviso mal-bye-law 4.4 għandu jitħalla, filwaqt li t-tieni wieħed, dwar il-caravans, għandu jitħassar.".*

1.4. Il-Kunsillier P. Cutajar aċċenna għall-minuta 16.1. **(Ref: X/1/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti

*"16.2. Is-Sindku qal li saru lmenti miegħu dwar in-nuqqas ta' latrina pubblika fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, kif ukoll anke dwar nuqqas ta' dwal għal bil-lejl, partikularment hekk kif wieħed jasal fil-bajja. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkonferma li huwa ġie kkuntattjat dwar l-istess ħaġa u għarraf lill-Kunsill dwarha f'seduta preċedenti.".*

1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 17.2. **(Ref: W/3/Vol XI)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"17.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-fatt illi l-Kumitat Konġunt Tramuntana li kien kompost mill-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, Ħal-Għargħur u n-Naxxar, kien akkwista faċilitajiet li permezz tagħhom seta jopera. Bix-xoljiment tal-Kumitat Konġunt u l-introduzzjoni tal-Kumitat Reġjonali Tramuntana daħlu l-Kunsilli Lokali tar-Rabat, l-Imdina, Ħad-Dingli, Pembroke u s-Swieqi, liema kunsilli issa qed jibbenefikaw mill-istess faċilitajiet. Il-Kumitat Reġjonali qabel li l-kunsilli membri fil-Kumitat Konġunt għandhom jiġu kkumpensati skont id-daqs tagħhom, mill-kunsilli li daħlu ġodda. Dan ifisser somma ta' €33,000, liema somma ser tiġi depożitata fil-kont bankarju tal-Kumitat Konġunt.".*

1.6. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 4, bl-emendi t'hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Ambjent (T/6/1/Vol III)(A/5/3/Vol IX)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.6.1. dwar l-attivitajiet li seħħew fl-okkazzjoni Festa Ambjent fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2013. Huwa qal li kemm it-tindif li sar mill-għaqdiet volontarji li sar fis-15, kif ukoll l-attivita\` li seħħet fis-16, fi Ġnien il-Qigħan, kienu organizzati u kordinati tajjeb ħafna mill-Kunsillier D. Vella.

2.1.3. Il-Kunsillieri li attendew għal dawn l-attivitajiet qablu mal-kummenti tas-Sindku.

### 2.2.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-attivita\` imsemmija li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2013 marret tajjeb ħafna f'dik li hija attendenza. Il-bandu li għadda minn Triq Ġorġ Borg Olivier ġibed l-attenzjoni tat-turisti li kienu hemm. Huwa qal li l-attendenza forsi kienet tkun iktar akbar kieku ngħatat aktar pubbliċita\`.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Rijabilitazzjoni tal-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/1)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għall-*items* 27, 28, 29 tal-Iskeda tax-Xiri ppreżentata f'din is-seduta. Huwa spjega li nġabru tliet stimi li jkopru: (a) tindif tal-wied bl-inġenji; (b) ġarr tal-materjal u skart żejjed li kien hemm fuq il-post (ċ) tneħħija ta' siġar aljeni u għollieq u t-tħaffir għat-tħawwil ta' oħrajn ġodda, liema xogħol ġie kkwotat €1,156.40; €1,062.00; u €1,121.00, rispettivament minn tliet kuntratturati differenti.

2.3.3. Il-Kunsill approva n-nefqa totali ta' €3,339.00 mill-vot tal-Parki u Ġonna (3061).

### 2.4.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 24.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li waqt iż-żjara li saret mis-Sur Adam Rose fil-Mellieħa huwa ttieħed f'diversi postijiet ta' interess, partikularment fil-qasam tiegħu, bil-għan li jkun jista' jġib studenti jistudjat l-eko-sistemi li wieħed isib fil-Mellieħa.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti

**2.5.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet lill-Kunsill li saru arranġamenti sabiex jiġi pprovdut dawl għall-mużiċisti u artisti li ser ikunu qegħdin f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija. Hija qalet li din l-attrazzjoni ser tibda fit-28 ta' Ġunju u tintemm fit-9 ta' Awwissu 2013.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol III)**

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 20.1 tas-seduta preċedenti u qalet li għall-ħarġa kulturali li saret lejn in-nofsinhar ta' Malta tas-27 ta' Ġunju 2013, ser ikun hemm *open top bus*, mimlija kollha.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Korsijiet Edukattivi (E/3/1/Vol III)(E/3/1/8)**

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 21.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-kors taż-żfin zumba ser jibda fil-25 ta' Ġunju fil-Park tal-Familja, filwaqt li dak tal-aerobics ser jibda fis-27 ta' Ġunju 2013 fis-sala tal-Kunsill.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Proġett PIM Energethica dwar *compactor* għall-faxxina tal-prodotti agrikoli (P/10/22)**

2.8.2. Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u qal li fl-24 ta' Ġunju 2013, in-National Coordination Authority, Funds and Programmes Division (NCAFPD) sejħet it-tieni laqgħa mal-imsieħba lokali fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett - il-WasteServ Malta Ltd u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fl-istess laqgħa ġiet spjegata s-sitwazzjoni *vis-a-vis* l-imsieħba Taljani, fis-sens qed iwaqqgħu lura l-iskeda tal-implimentazzjoni. Il-parti tal-Mellieħa tinvolvi t-tħejjija ta' studju li kien skedat li jinbeda fl-2012 u jintemm fl-2014. L-uffiċjali tal-NCAFPD għarrfu li l-*budget* approvat għall-Mellieħa huwa €316,000 li € 47,400 (15%) jridu jiġu ko-finanzjati mill-Kunsill. L-istess uffiċjali qalu wkoll li kien hemm *letter of intent* li ġiet iffirmata mis-Sindku preċedenti – is-Sur R. Cutajar. Minħabba ż-żmien limitat li fadal, l-uffiċjali tal-NCAFPD ġew mistoqsija x'jiġri f'każ ta' irtirar mill-proġett minn wieħed mill-imsieħba, minħabba din ir-raġuni. Ir-rappreżentanti tal-NCAFPD preżenti qalu li l-imsieħba Taljani jistgħu jieħdu passi legali kontra min jirtira.

2.8.3. Ġie spjegat li fil-laqgħa msemmija kien hemm qbil li rrispettivament mid-dewmien li qed ikun hemm mill-imsieħba Taljani, għandha ssir talba biex isir dak li jissejjaħ *kick-off meeting* u jiġu mgħoddija 50% dovuti mill-*budget* allokat.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni proposta li tittieħed.

**2.9.1. Nuqqasijiet fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (X/1/1/Vol II)**

2.9.2. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera għall-minuta 16.1 tas-seduta preċedenti u staqsa jekk ittieħditx azzjoni skont id-deċiżjonijiet meħuda.

2.9.3. Is-Segretarju wieġeb li saret talba lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex tikkonsidra l-introduzzjoni ta' lampa ġdida, hekk kif wieħed jidħol fir-Ramla tat-Torri l-Abjad. Għarraf ukoll li saret talba lill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn sar appell sabiex tiffinanzja t-tqegħid ta' *mobile toilets*. Is-Sur C. Debono għarraf li l-operatur tal-kjosk li hemm fil-bajja ġab mobile toilet għas-spejjeż tiegħu.

**2.10.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2012 (F/1/7/Vol III)**

2.10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti dwar is-suġġett t'hawn fuq u qal li l-Mellieħa hija fost erba' lokalitajiet li ġiet *shortlisted*, flimkien ma' Marsascala, il-Birgu, u l-Ħamrun. Huwa qal ukoll li l-preżentazzjoni ġiet trasferita għas-27 ta' Ġunju 2013 fil-11.30am.

2.10.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija.

### 2.11.1. *Policy* tal-MEPA dwar l-għoli tal-bini fil-każ ta' lukandi (P/5/4/Vol II)

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-25 ta' Ġunju 2013 huwa attenda għal laqgħa li saret mis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva – l-Onor. Michael Farrugia – dwar il-ħidma tas-Segretrjat tiegħu. Is-Sur J. Buttigieg qal li fl-istess laqgħa huwa qanqal it-tibdil fil-*policy* dwar l-għoli tal-lukandi f'ċerti lokalitajiet. Is-Segretarju Parlamentari għamilha ċara, li minkejja t-tibdil fil-*policy*, kull applikazzjoni li ssir trid tiġi trattata fuq il-merti tagħha.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 20/06/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 30/05/13 – 20/06/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Offerti – Sejħa Nru. 4/2013 – Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja
- Minuti – Laqgħa Bord ta' Tmexxija dwar il-Park tal-Familja – 12/06/13;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2013.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Talba għall-ħlas ta' danni – Inċident fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 6 ta' Ġunju 2013, mibgħut mis-Sinjura Margaret Vella, fejn irreferiet għal inċident li kienet involuta fiħ il-vettura tagħha Nru. DBV185 fi Triq il-Wilġa, Manikata. L-inċident ġara fl-20 ta' April 2013 wara li r-rota tal-vettura msemmija waqgħet ġo ħofra li kien hemm fil-ġenb tal-istess triq. Id-danni magħrufa sakemm saret it-talba jammontaw għal €94. It-talba kienet akkumpanjata bir-riċevuta maħruġa mix-xufier tat-trakk tat-*towing* li ġarr l-imsemmija vettura wara l-inċident.

4.1.3. Wara li ra d-dokumentazzjoni mressqa, il-Kunsill approva kumpens finali sħiħ ta' €94.

### 4.2.1. Laqgħa tal-EDEN Network (T/12/2)

4.2.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 21 ta' Ġunju 2013, mibgħut mill-EDEN Network fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fil-laqgħa annwali li ser issir fi Brussel fil-11 ta' Novembru 2013. Is-Segretarju fakkar li l-Mellieħa hija membru f'din l-organizzazzjoni.

4.2.3. Ġie deċiż li għandu jattendi rappreżentant wieħed mill-Kunsill.

### 4.3.1. Sewqan b'veloċita` eċċessiva fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol IX)

4.3.2. Saret referenza għal suġġeriment minn Ms Janet Fenech sabiex isiru żewġ *speed humps* fi Triq l-Etna qrib Taraġ il-Baqquniera. Fl-ittra ntqal li l-periklu kiber f'din it-triq bl-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tagħha, kif ukoll b'żieda fin-numru ta' residenti, li rriduċa t-triq f'karreġġjata waħda.

4.3.3. Minkejja li r-raġunijiet imsemmija huma reali, il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiseb l-opinjoni tar-residenti kollha li joqgħodu bejn Triq il-Baqquniera u Taraġ il-Landiera. Dan minħabba l-fatt li t-tip ta' miżura mitluba tikkawża nkonvenjent bl-istorbu li jiġi ġġenerat.

### 4.4.1. Faċiltajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kappillan Magri (T/3/2/Vol IX)

4.4.2. Saret aċċenn għal ittra datata 12 ta' Ġunju 2013, fejn l-operatur ta' Dingli Butcher talab li jiġu allokati l-faċilitajiet imsemmija qrib il-kantuniera ma' Triq Sant' Elena. Dan minħabba li l-piż tal-laħam huwa konsiderevoli biex jinġarr fuq l-ispalla u b'hekk qed ikollu jsir ipparkjar eżatt quddiem il-ħanut b'tali mod li tiġi mblukkata Triq il-Kappillan Magri.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirrakkomanda lill-Transport Malta sabiex jiġi allokat spazju li jibbenefikaw minnu n-negozji tal-madwar. Kemm-il darba ma jkunx hemm spażju biżżejjed quddiem il-ħanut imsemmi, minħabba li jinsab f'kantuniera, kien hemm qbil li dan għandu jmur fi Triq Sant' Elena, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq il-Parroċċa.

### 4.5.1. Bajja *animal friendly* f'Daħlet ix-Xmajjar (A/9)

4.5.2. Inqara *e-mail* datat 19 ta' Ġunju 2013, mibgħut mid-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, fejn intqal li l-Ministru Roderick Galdes, permezz tal-istess direttorat qed jaraw li jkun hemm bajjiet addattati għall-annimali. Għal din il-parti tas-seduta attenda s-Sur Joseph Vella li spjega li d-Direttorat diga' tkellem mad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, li min-naħa tiegħu ppropona l-bajja ta' Dahlet ix-Xmajjar. Dan minħabba li l-Avviż Legali 125 tal-2008 jipprojbixxi l-teħid ta' klieb fuq xtajtiet imramla.

4.5.3. Is-Sur J. Vela spjega li qed issir konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali sabiex isir magħruf kif dan jista' jseħħ u kif jista' jkun hemm imanniġġjar tal-bajja f'dak li huwa skart tal-*animal bins* eċċ. Is-Sur Vella stqarr li hemm l-intenzjoni li dan il-proġett jiġi nawgurat mill-aktar fis, qabel jidħol sewwa l-istagun tas-Sajf. Is-Sur Vella qal li jeħtieġ illi l-pubbliku jkun infurmat, permezz ta' tabelli li jindikaw illi klieb jistgħu jgħumu, filwaqt li jinżammu marbuta b'ċinga meta jkunu fuq l-art, filwaqt li l-ħmieġ tagħhom irid jinġabar u jitħalla fid-*dog bins* li ser jiġu pprovduti. Huwa appella għall-appoġġ tal-Kunsill sabiex ikun hemm superviżjoni tal-bajja mill-*Green Wardens* meta dan l-arranġament jidħol fis-seħħ.

4.5.4. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-*camping site privata* li hemm fil-qrib u għalhekk issuġġerixxa li l-konsultazzjoni tiġi estiża għal din intrapriża wkoll.

### 4.6.1. *Malta study visit* tal-*European Union of Tourist Officers* (S/6/Vol IV)

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 19 ta' Ġunju 2013, mibgħuta mis-Soċjeta` Turistika Maltija li ser tospita` *study visit* fil-ġzejjer Maltin bejn is-6 u t-13 ta' Ottubru 2013. Bħala parti minn din iż-żjara il-grupp ser ikun alloġġjat fil-Mellieħa fis-6 ta' Ottubru, meta l-Kunsill intalab jagħti riċeviment f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Intalab ukoll li fit-12 ta' Ottubru, il-Kunsill jospita` l-istess grupp għal ikla fil-Park tal-Familja. Is-Segretarju għarraf ukoll li huwa staqsa dwar in-numru ta' persuni li ser ikunu nvoluti, iżda sad-data tas-seduta kienet għadha ma ngħatatx tweġiba.

4.6.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillier P. Cutajar għandhom jiksbu aktar dettalji mingħand l-organizzaturi.

### 4.7.1. Tabella ta' informazzjoni f'Għajn Tuffieħa (A/4/10)

4.7.2. Sar aċċenn għal *e-mail* datat 20 ta' Ġunju 2013, fejn id-direzzjoni tal-Park tal-Majjistral talbu sabiex jagħmlu użu min-naħa ta' wara tal-*information board*, proprjeta` tal-Kunsill, li tinsab fejn il-*bus shelter*. Dan sabiex tħabbar id-dettalji tal-mixjiet li jiġu organizzati fil-park minn żmien għal żmien.

4.7.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba.

### 4.8.1. Ipparkjar fi Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/Vol IX)

4.8.2. Inqrat ittra datata l-1 ta' Ġunju 2013, mibgħuta mis-Sur Anthony Cachia, fejn ilmenta li s-saljaturi tal-gallarija tar-residenza tiegħu ntlaqtet kemm-il darba minn vetturi kbar. Dan qed jiġi kkawżat mill-wisa' tat-triq, kif ukoll minħabba vetturi li jkun hemm ipparkjati fuq in-naħa faċċata tal-proprjeta` tiegħu.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex jiġi pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi quddiem il-garaxxijiet kollha fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq Santa Marija u Triq San Gużepp.

### 4.9.1. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'żoni turistiċi (T/12/Vol II)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għall-*e-mail* mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn ġew aġġornati ż-żoni turistiċi fil-Mellieħa. Fl-istess żoni ma jistax isir xogħol ta' demolizzjoni u skavar li bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru, skont l-Avviż Legali 295 tal-2007. Huwa qal li minkejja din ir-restrizzjoni, fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, il-Kunsill għandu jaddotta *policy* li, matul l-imsemmi perjodu:

(a) Ma jingħatawx permessi għall-użu ta' krejnijiet u makkinarju, nhar ta' Tnejn u s-Sibt il-ġurnata kollha; u

(b) Fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa, bl-eskużjoni tal-Ħdud, il-permessi jinħarġu biss bejn is-1.00pm u l-4.00pm, bil-gwardjani lokali.

4.9.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 4.9.2.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imessqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Ġunju 2013.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-30 ta' Mejju u d-20 ta' Ġunju 2013.

6.3. Is-Sindku aċċenna għall-pagament 012-06-13 dovut lill-kuntrattur Salamanda Ltd dwar il-*Heritage Trail* tal-Manikata. Huwa talab sabiex jitressaq il-*bill of quantities* skont il-kuntratt u l-kont finali ċċertifikat mill-*Contract Manager*.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk din ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. *Bye-Laws* li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ fil-Lokalita` tal-Mellieħa – KLBL 37/1/2011 (B/5/Vol IV)

7.2. Dan is-suġġett ġie mħolli għas-seduta li jmiss peress li l-konsulent legali kien għandu m'għaddiex it-test bl-emendi approvati fis-seduta preċedenti.

## 8.1. Tħejjijiet għal Avventura Sajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-applikazzjonijiet għat-tfal biex jidħlu f'AvventuraSajf 2013 kienu jammontaw għal 141, filwaqt li l-biċċa l-kbira huma fl-eta` tal-kindergarten. Dawn ser ikunu jirrikjedu s-servizz ta' kordinatur, sitt klassijiet b'għalliem, *learning support assistant (LSA)* u student universitarju kull klassi. Mit-tagħrif miġbur mill-formoli tal-applikazzjoni, irriżulta li hemm għaxart-it tfal jirrikjedu s-servizz tal-*LSA*. Il-Kunsill ġie mgħarraf, li ser ikun possibbli li jingħata spażju fl-iskola primarja u għalhekk il-problemi li kienu maħsuba li ser jinqalgħu bi Club 3-16, issa ntgħelbu.

8.3. Hija qalet ukoll li t-tema magħżula għall-edizzjoni ta' din is-sena ser tkun "Id-Dinja taċ-Ċittadini Żgħar". Filwaqt li diġa saret laqgħa għall-għalliema, l-LSA's u l-istudenti universitarji nvoluti, ser issir laqgħa oħra fl-1 ta' Lulju 2013 għall-ġenituri tat-tfal li applikaw.

8.2. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2013 (A/5/3/5/Vol V)

9.2. Il-Viċi Sindku għarraf li huwa għaddej b'kuntatti sabiex jinġiebu *sponsors* bil-għan li jkopru l-kunċert tat-*tribute band* Queen. Is-Sur C. Bartolo qal li hekk kif ikollu riżultati jkun jista' jagħti d-dettalji.

9.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

## 10.1. Sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/1)( P/4/6/Vol V)

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa għalqet fl-24 ta' Ġunju 2013 u r-rati kkwotati kienu skont l-iskeda mehmuża ma' dawn il-minuti. Kopja tal-istess skeda ġiet mgħoddija lill-offerenti kollha u lill-Kunsillieri kollha eżattament wara li nfetħu l-offerti, fit-3.00pm. Il-Segretarju għarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contracts Manager* għar-rapport tekniku tiegħu.

10.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board*.

10.4. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar kumpens wara t-teħid ta' raba in konnessjoni mal-iżvilupp tal-Park tal-Familja. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ntalab parir legali dwar it-talbiet li saru.

10.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 11.1. Tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)

11.2. Is-Sindku għarraf li saru żewġ laqgħat mal-Fondazzjoni ARKEO, waħda minnhom fl-irżieżet quddiem il-Palazz ta' Selmun. Minkejja li l-postijiet għadhom mhux attrezzati, Kien hemm qbil li ix-xogħol fuq iż-żewġt irziezet ta' ġewwa għandu jiġi konkluż sabiex l-ARKEO tkun tista' tiftahom għall-pubbliku. Billi m'hemmx materjal biżżejjed biex il-post għandu jinfetaħ darba fix-xahar. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li d-diriġenti tal-ARKEO ġew infurmati li l-ftehim dwar it-tmexxija tal-*heritage trail* għandu jkun ta' sena bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jevalwa l-andament u jiddeċieda jekk għandux jiġġedded.

11.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-bdil fl-użu tal-irżieżet għal dak ta' *interpretation centre*. Is-Segretarju għarraf li l-kontribuzzjoni li ntalab iħallas il-Kunsill oriġinarjament kienet ta' €12,873 u sussegwentement ġiet imnaqqsa għall-€9,261.24.

## 12.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar – Marzu 2013 (F/1/1/Vol II)

12.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

12.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 13.1. Dħul ta' vetturi f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/3/2/Vol IX)

13.2. Is-Sindku aċċenna li qed ikun hemm tiġijiet fis-Santwarju tal-Mandonna tal-Mellieħa fejn l-għarajjes jagħmlu użu minn karrozzi kbar – *limousines* – li ma jkunx possibbli li jidħlu fi Triq l-Inkurunazzjoni. Dawn għalhekk qed jitolbu permess sabiex iniżżlu l-*bollards* biex jidħlu fl-Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

13.3. Is-Segretarju kkummenta li diġa kien hemm xi każi fejn ingħata permess biex jidħlu *limousines* tal-għarajjes, u f'każ minnhom kien hemm vettura li ma kelliex x'taqsam mat-tieġ li ssakkret 'il ġewwa mill-*bollards.*

13.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li meta tħallew jidħlu l-*limousines*, iddaħħlu wkoll vetturi oħra iżgħar tal-familjari tal-għarajjes.

13.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Kappillan għandu jiġi nfurmat li l-konċessjoni mhux ser tibqa' tingħata fil-każ tal-*limousines* tal-għarajjes, minħabba r-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq, bil-għan li jkun jista' jinforma lill-istess għarajjes minn qabel.

## 14.1. Xogħlijiet fi Triq il-Wied Ta' Ruman (T/4/13/Vol XI)

14.2. Is-Sindku qal li s-sidien tal-appartamenti "Ville Michel" li huma konfinanti minn Triq il-Marlozz, Triq il-Barkazza u Triq il-Wied Ta' Ruman, ser ikunu qed jiffinanzjaw l-asfaltar tat-toroq li jmissu mal-istess blokka, filwaqt li ser jipprovdu aċċess dirett bir-riġel minn quddiem din il-blokka għal Triq il-Marfa. L-istess xogħol ser jitmexxa minn Transport Malta skont permess li qed jiġi pproċessat mill-istess Awtorita` - RWP1-0572/13. Huwa spjega li x-xogħol fi Triq il-Wied Ta' Ruman ser ikopri bejn Triq il-Barkazza sal-kantuniera ta' blokka appartamenti "Ville Michel". Kemm-il darba jsir hekk, jifdal tul ta' madwar 100 metru tul bil-wiċċ tat-tip *chip and spray*. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-Kunsill jidħol għall-kisi mill-ġdid ta' din il-parti bit-tarmak, kif ukoll isiru ċint baxx fuq in-naħa ta' Triq il-Marfa u bankini fuq iż-żewġ naħat.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, kif ukoll li tintalab stima mingħand il-*contract manager* konċernat.

## 15.1. *Vending machines* fil-Park tal-Familja (P/4/6/1)

15.2. Is-Sindku rrefera għaż-żewġ *vending machines* li nġiebu mill-Kunsill preċedenti fid-*dressing rooms* u fid-daħla tal-Park minn Triq Selmun. Peress li ma kien hemm ebda ftehim bil-kitba dwarhom, huwa kkuntattja lis-sidien tagħhom – General Soft Drinks Ltd – bil-għan li jiġi formalizzat ftehim magħhom, billi dawn huma mqabbda mal-provista tal-elettriku tal-Park. Irriżulta li l-Kunsill jingħata 24% mill-bejgħ li jkun hemm, li jitħallsu kull tliet xhur.

15.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 16.1. Ġbir tal-iskart reċiklabbli u latrini pubbliċi fl-Għadira (K/6/11)( X/1/3/Vol VII)(L/3/Vol II)

16.2. Is-Sindku għarraf li fit-3 ta' Ġunju 2013 saret laqgħa li għaliha attendew is-Sinjura Pauline Dingli mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, is-Sur Joe Attard minn Green MT Ltd, flimkien miegħu u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur C. Debono. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li fl-istess laqgħa ġie żvelat li Green MT Ltd mhux ser tkun f'posizzjoni li tiġbor l-iskart reċiklabbli mill-Bajja tal-Għadira, peress li mhux qed tirċievi pagamenti mill-WasteServ (Malta) Ltd biex tiffinanzja l-obbligi li għandha mal-Kunsilli Lokali. Minkejja dan, saret pressjoni min-naħa tal-Kunsill biex għallinqas jitpoġġew il-*bins* tal-iskart separat, ħalli jkunu jistgħu jitbattlu mill-ħaddiema tal-Cleansing Services Department. Is-Sindku qal li dan jista' jkun ifattur determinanti dwar jekk jinżammx l-i*status* tal-Blue Flag.

16.3. Is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni wkoll li l-fattur tal-latrini pubbliċi wkoll jista' jkollu effett u għalhekk ippropona li tiżdied l-attendenza fihom f'ċerti ġranet partikulari fi tmiem-il ġimgħa.

16.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija, u approva ż-żieda fis-servizz tal-latrini fl-Għadira u fir-Ramla tal-Mixquqa, fil-limiti li jippermettu l-estimi.

### 17.1. Arblu tal-bandiera f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol IV)

17.2. Is-Sindku rrefera għall-arblu li oriġinarjament kien twaqqaf mill-Għaqda tal-Armar b'mod temporanju biex ittellgħet il-bandiera bl-istemma tal-Kunsill waqt attivita` li saret f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Huwa qal li jidher illi din l-ideja ntogħġbot għaliex b'hekk tingħata aktar dinjita` lil dan il-post. Huwa tkellem mad-diriġenti tal-għaqda msemmija li lesti joffru illi jtellgħu u jniżlu l-bandiera bl-istemma tal-Kunsill bi ħlas nominali ta' €3.00 kuljum. Jista' jkun hemm ġranet partikulari bħal festi nazzjonali meta minflok tittella' l-bandiera Maltija.

17.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 18.1. Sistema tad-drenaġġ f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)

18.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-punt li huwa kien qajjem fis-Seduta Nru. 2 tas-17 ta' April 2013 dwar l-ispralli tad-drenaġġ illi hemm bejn qtajja' numri 221 u 222. Huwa qal li minkejja rappreżentazzjonijiet li saru mill-Kunsill, jidher li għandu ma sar xejn fuq il-post. Is-Sur Gauci appella sabiex id-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali jiġi mitlub jagħmel pressjoni fuq il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

18.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 19.1. Titjib fil-latrina pubblika fl-Għadira (*Caravan Site*) (L/3/Vol II)

19.2. Is-Sindku għarraf li sar tindif madwar il-latrina pubblika illi hemm qrib l-aċċess għall-Mellieħa Bay Hotel, kif ukoll ukoll sar passaġġ madwarha u rampi bil-għan li tkun aċċessibbli għal persuni b'diżabilita`, kemm minn Triq il-Marfa, kif ukoll mill-parkeġġ li hemm biswit.

19.3. Is-Segretarju ppropona li dan l-eżerċizzju jitkompla matul ix-xitwa 2013/2014 bir-rinovar tal-latrina min ġewwa, billi jsir madum ġdid mal-ħitan u l-art, filwaqt li jsiru faċilitajiet għall-persuni b'diżabilita`. Huwa ppropona li dan isir permezz tal-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, hekk kif jiġu vvutati l-fondi meħtieġa fil-*budget* 2014.

19.4. Il-Kunsill innota u approva l-proposta mressqa.

### 20.1. Kunċert minn Banda Norveġiża (A/5/5/Vol VII)

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li żewġ baned Norveġiżi ser iżuru l-Mellieħa fuq stedina tal-Għaqda Mużikali Imperial u se jagħtu żewġ kunċerti fis-26 u fid-29 ta' Ġunju f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq Ġorġ Borg Olivier (faċċata tal-Bank HSBC), rispettivament. Dawn il-baned jiffurmaw parti minn skejjel tal-mużika Norveġiżi – Skjold Skoles Musikkorps u Kampen Skolekorps. Dawn diġa żaru Malta drabi oħra u taw diversi kunċerti.

20.2. Is-Sur C. Bartolo ppropona li jiġu pprovduti s-siġġijiet għall-mużiċisti għall-kunċert tad-29 ta' Ġunju.

20.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 21.1. Laqgħa mal-MEUSAC (P/10/1/Vol III)

21.2. Saret referenza għall-minuta 12.1. tas-seduta Nru. 3 tat-13 ta' Mejju 2013, meta kien ġie deċiż li għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti mill-MEUSAC dwar il-possibilta` li jitwettqu proġetti permezz ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea, li jvarjaw minn titjib urban, żgħażagħ u ġemellaġġi bejn lokalitajiet.

21.3. Il-Kunsill iddeċieda li rappreżentanti mill-MEUSAC, kif ukoll Dr Gordon Cordina għandhom jiġu mistiedna jattendu s-seduta li jmiss fil-15 ta' Lulju 2013 fis-6.00pm.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Lulju 2013 fis-6.00pm

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**